MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Numru. 325/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v -**

**SAMUEL CAMILLERI bin Peter u Carmela nee` Pisani, imwieled fis-sebgha w ghoxrin ta' Jannar, 1954 u residenti 22, Ave Maria, Triq Bingemma, Nadur Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 8754G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **SAMUEL CAMILLERI** bin Peter u Carmela nee` Pisani, imwieled fis-sebgha w ghoxrin ta' Jannar, 1954 u residenti 22, Ave Maria, Triq Bingemma, Nadur Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 8754G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-

sebgha (7) ta’ Mejju 2005 ghal habta tat-tmienja neqsin ghoxrin ta’ filghodu fl-inhawi ta’ Xurdin, Nadur, Ghawdex:

1. kien qed jikkaccja jew jipprova jikkaccja b’arma tan-nar numru 58532 tal-marka Browning minghajr licenzja valida tal-Pulizija;

2. b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni ghall-hsara lil terzi jew hsara fil-propjeta taghhom;

3. talli bhala pesuna illi f’ismu ghandu registrata mall-Kummissarju tal-Pulizija l-imsemmija arma naqas li jzommha fil-kustodja tieghu din l-imsemmija arma b’tali mod li ma tigix f’idejn persuni ohra;

4. talli naqas li jgedded il-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikun jista jzomm l-imsemmija arma ghas-snin 2004 u 2005;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tikkonfiska l-arma esebita.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-okkorrenza u licenzji relattivi kif wkoll l-ircevuta dok PS 4 esibiti minn PS 1424 Mario Xiberras, in-notamenti esibiti mill-Ispettur Antonello Grech w is-site plan esibita mill-imputat.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi jirrizultaw ppruvati ghas-sodisfazzjon tal-Qorti.

Ghaldaqstant, **il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 8(1) tal-Kap 65, l-artikolu 24 tal-Kap 56, r-regolament 4(a) tal-Avviz Legali numru 146/93 u l-Iskeda VI , artikolu 1( c) tal-Avviz Legali numru 146/93, tiddikjara li ssib lil imputat SAMUEL CAMILLERI hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront**

**tieghu u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ mitt [100] lira maltin u tordna l-konfiska tal-arma esibita l-Qorti minn PS 1424 Mario Xiberras.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------